# Czech Republic
# Prague

**GRUPP A: 02-07 TA' MEJJU**
**GRUPP B: 18-23 TA' LULJU**
**GRUPP C: 05-10 SETTEMBRU**
**GRUPP D: 10-15 T'OTTUBRU**

**INŻURU: PRAGUE, VLATVA RIVER, DRESDEN, ČESKÝ KRUMLOV, KARLOVY VARY, KUTNA HORA**

### L-EWWEL JUM
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl,10.00 għat titjira KM538 li ttir fin-13.30 u naslu **Praga** fit-16.00, nibqgħu sejrin lejn il-**Green Garden Hotel 4star.** Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Ħdejn il-lukanda hemm diversi restaurants bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd.

### IT-TIENI JUM
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il-vjaġġ tagħna ser ikollna l-opportunita' li nappreżżaw il-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja **ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani**. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall u nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun **Karlovy Vary** u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Nirritornaw lura l-hotel.

### IT-TIELET JUM
Il-belt ta' Praga għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour** biex naraw parti ta' din il-belt bħal **Prague Castle**, kumpless kbir ta' bini fejn fost l-oħrajn hawn il-kastell S.Vitus, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz Irjali, inkomplu billi nżuru l-Knisja fejn hemm il-**Bambin ta' Praga,** Kampa Island, **Charles Bridge eċċ. W**ara jkollna nofs ta'nhar liberu biex tgawdu din il-belt. Min irid jista' jmur mat-tour leader għal cruise (extra) madwar ix-xmara Vlatva minn fejn naraw il-belt minn perspettiva differenti. Wara jkollna ħin għall-ikel (extra). Min irid jista' jmur shopping.

### IR RABA'JUM
Bla dubju, **Dresden**-hekk imsejħa Firenze tan-naħa ta' Fuq, hi fost il-bliet Ġermaniżi l-aktar meraviljużi. Opportunità napprezzaw il-ġmiel tal-kastell viċin it-Theaterplatz, Opera House, Sempergalerie, Taschenbergpalais u Hofkirche. Naraw aktar postijiet ta' interess bħal hekk imsejħa Fürstenzug jew purċissjoni tal-prinċipijiet. Ikollna ftit ħin liberu għax-xiri. Nirritornaw lura l-lukanda.

### IL-ĦAMES JUM
Buffet breakfast u eskursjoni għal Český Krumlov li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Filgħaxija mmorru għal drink.

### IS-SITT JUM
Wara li nieħdu l-buffet breakfast,eskursjoni li toħodna fil-belt medjevali ta' **Kutna Hora**. Nesploraw din l-erja tas-seklu 13 li hi magħrufa għall-minjieri tal-fidda. Hawn ser ikollna l-opportunita' li naraw il-Katidral maestuż stil gotiku iddedikat lil St Barbara, monumenti sbieħ u djar storiċi. Ikollna ħin għall-ikel (extra).Inkomplu lejn Sedlec fejn inżuru l-Bone Chapel. Inkomplu it triq lejn l-ajruport għat -titjira tal-Air Malta KM539 li ttir fid-20.40 u naslu Malta 23.10.



**6**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**785**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €835 | €785 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €840 | €790 |
| Kamra ta' persuna waħedha | €1,030 | €980 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €680 | €630 |
| Supplement groups A + B | €45 | |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-KM Malta Air għal Praga
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 5 t'iljieli -Green Garden Hotel 4 star fiċ-ċentru ta' Praga
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Fund